DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Mejju 2009

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/493/KE li tistabbilixxi l-ammont ta' appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013, it-tqassim annwali tiegħu u l-ammont minimu li għandu jiġi kkonċentrat f'reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza

(2009/434/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 69(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2006/493/KE [2] tistabbilixxi l-ammont ta' appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013, it-tqassim annwali tiegħu u l-ammont minimu li għandu jiġi kkonċentrat f'reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza.

(2) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tiegħu fil-11 u t-12 ta' Diċembru 2008, approva Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku (PEIE) li jipprevedi l-bidu ta' azzjonijiet prijoritarji biex l-ekonomiji tal-Istati Membri jkunu jistgħu jaġġustaw b'rata aktar mgħaġġla għall-isfidi kurrenti.

(3) Il-PEIE huwa bbażat fuq ekwivalent ta' sforz totali ekwivalenti ta' madwar 1,5 % tal-PGD tal-Unjoni Ewropea, ċifra ta' madwar EUR 200 biljun. Minn dak l-ammont, għandhom ikunu disponibbli EUR 1 020 miljun għall-Istati Membri kollha permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali bil-għan li jiġi żviluppat l-Internet tal-broadband f'żoni rurali, u li jissaħħu l-operazzjonijiet marbuta mal-prijoritajiet stipulati fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 16a tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005. Skont id-Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-finanzjament ta' proġetti fil-qasam tal-enerġija u l-Internet tal-broadband kif ukoll il-Verifika tas-Saħħa tal-PAK fil-qafas tal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku [3], EUR 600 miljun għandhom ikunu disponibbli fl-2009 filwaqt li EUR 420 miljun għandhom ikunu żgurati permezz ta' mekkaniżmu ta' kumpens fil-konċiljazzjoni tal-proċedura baġitarja Komunitarja tal-2010 u għandhom ikunu disponibbli fl-2010.

(4) Id-Deċiżjoni 2006/493/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2006/493/KE jinbidel bit-test li jidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Mejju 2009.

Għall-Kunsill
Il-President
J. ŠEBESTA

[1] ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.
[2] ĠU L 195, 15.7.2006, p. 22. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 335M, 13.12.2008, p. 370.
[3] ĠU C 108, 12.5.2009, p. 1.

ANNESS

"ANNESS

L-ammont totali ta' approprjazzjonijiet tal-impenji għall-2007–2013 (prezzijiet kostanti tal-2004), tqassim annwali u ammont annwali li għandu jiġi kkonċentrat f'reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza (*)

Prezzijiet tal-2004 f'EUR (**)	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Total
L-ammont totali għall-UE-25 flimkien mal-Bulgarija u r-Rumanija	9 325 497 783	10 788 767 263	11 058 446 242	10 651 531 634	9 824 886 713	9 588 187 168	9 356 225 581	70 593 542 384
L-ammont minimu għar-reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza								27 676 975 284

(*) Qabel il-modulazzjoni u t-trasferimenti ohrajn minn infiq marbut mas-suq u l-hlasijiet diretti tal-politika agrikola komuni għall-iżvilupp rurali.
(**) L-ammonti huma approssimati għall-eqreb euro

L-ammont totali ta' approprjazzjonijiet tal-impenji għall-2007–2013 (prezzijiet attwali), tqassim annwali u ammont annwali li għandu jiġi kkonċentrat f'reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza (*)

Prezzijiet Kurrenti f'EUR (**)	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Total
L-ammont totali għall-UE-25 flimkien mal-Bulgarija u r-Rumanija	9 896 292 851	11 678 108 653	12 209 418 209	11 995 354 634	11 285 706 554	11 234 089 442	11 181 555 662	79 480 526 005
L-ammont minimu għar-reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza								31 232 644 963

(*) Qabel il-modulazzjoni u t-trasferimenti ohrajn minn infiq marbut mas-suq u l-hlasijiet diretti tal-politika agrikola komuni għall-iżvilupp rurali.
(**) L-ammonti huma approssimati għall-eqreb euro"